MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
MARIO SCERRI**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 27/2008

Avviz Numru 27/2008

Charlie u Salvina konjugi Spiteri

vs

Charlie u Mary konjugi Agius

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fid-9 ta' Settembru 2008, li jghid hekk :-

'Ricentement il-konvenuti appoggjaw bini mill-fond taghhom numru 13, Hamri Street, Ghajnsielem, mal-fond ta' l-atturi numru 14, Hamri Street, Ghajnsielem.

Skond certifikat tal-Perit Edward Scerri, dan l-appogg jammonta ghal Ewro 1426.63. Il-konvenuti ghalkemm interpellati sabiex ihallsu anke' permezz ta' ittra interpellatorja tat-23 ta' April 2008, u dik tad-29 ta' Mejju

2008, u l-ittra ufficjali tat-8 ta' Awwissu 2008, baqghu inadempjenti, u anzi' rrifjutaw li jhallsu u dan bla raguni gusta.

Ghaldaqstant l-atturi jitolbu li l-konvenuti jigu kkundannati biex ihallsu l-ammont ta' Ewro 1426.63 hlas t'appogg fuq indikat bl-ispejjez tal-prezenti, kif ukoll dawk ta' l-ittra bonarja tad-29 ta' Mejju 2008 u l-ittra ufficjali numru 479/2008, u bl-imghax legali mid-data ta' l-ittra ufficjali sad-data tal-eventwali hlas effettiv.

Il-konvenuti qeghdin minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni.'

Il-konvenuti permezz tar-risposta taghhom ipprezentata fit-12 ta' Novembru 2008, eccepew :-

'1. Illi l-pretensjonijiet kif dedotti mill-atturi konjugi Spiteri huma nfondati fid-dritt u fil-fatt ;
2. Illi l-esponenti konjugi Agius qatt ma oggezzjonaw illi jhallsu dak dovut lill-atturi ghall-appogg li sar fi Triq il-Hamri, Ghajnsielem, Ghawdex ;

3. Illi l-konjugi Agius kienu ghadhom ma hallsux l-appogg peress illi huma ma qablux mac-certifikat mahrug mill-Perit Edward Scerri u kienu qed jistennew lil Perit taghhom Anna Maria Attard Montalto sabiex tistma l-appogg ;

4. Illi l-atturi kienu jafu b'dan kollu izda xorta intavolaw dan l-Avviz u ghaldaqstant huma ghandhom ibaghtu l-ispejjez kollha.'

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Illi din hija kawza fejn l-atturi qeghdin jitolbu li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuhom is-somma ta' elf erbgha mija u sitta u ghoxrin Euro u tlieta u sittin centesimi (€1426.63)

talli appoggjaw il-bini taghhom mal-hajt divizorju mibni mill-atturi. Jirrizulta li fis-sena 2006, il-konvenuti kienu ghamlu xogholijiet ta’ bini fil-fond taghhom numru tlettax (13), Triq Hamri, Ghajnsielem, li jigi attigwu mal-fond tal-atturi, u appoggjaw dan il-bini gdid taghhom mal-hajt divizorju li kien gie mibni mill-atturi zmien qabel. Il-kontestazzjoni bejn il-parttijiet mhijiex dwar jekk huwiex dovut il-hlas tal-appogg lill-atturi, izda l-partijiet mhumiex jaqblu dwar il-*quantum* ta’ dak li ghandu jithallas billi l-periti rispettivi tal-partijiet ma qablux fl-ammonti li huma kienu llikwidaw lill-partijiet rispettivi taghhom. Filwaqt li l-perit tal-atturi, l-AIC Edward Scerri wasal ghall-likwidazzjoni fl-ammont ta’ elf erbgha mija u sitta u ghoxrin Euro u tlieta u sittin centesimi (€1426.63), il-perit tal-konvenuti, l-AIC Anna Maria Attard Montalto llikwidat l-appogg dovut lill-atturi fl-ammont ta’ tmien mija u erbgha u sittin Euro u erba’ u tmenin centesimi (€864.84), u cioe’ diskrepanza mill-kont tal-AIC Edward Scerri ta’ hames mija u wiehed u sittin Euro u disa’ u sebghin centesimi (€561.79). Jirrizulta mill-atti li din id-diskrepenza hija dovuta ghall-fatt li l-perit tal-konvenuti kienet qed tnaqqas mill-ammont li kien illikwida l-perit tal-atturi dawk l-ispejjez ghall-partijiet mill-hajt divizorju li ziedu l-konvenuti fuq il-hajt li bnew l-atturi, li pero’ l-atturi ma kienux qed jaghmlu uzu minnhom u ma riedux li jirrenduhom komuni, kif ukoll il-perit tal-konvenuti kkwantifikat it-total tal-kejl tal-hajt mibni mill-atturi b’disgha punt disa’ sebgha qasab kwadri (9.97 q.k.) inqas mill-kejl tal-hajt imkejjel mill-Perit Edward Scerri.

Waqt l-access it-Tribunal gie muri mill-attur il-filati tal-hajt kemm dawk li jigu taht il-livell tal-qatran kif ukoll in-numru ta’ filati l-fuq mill-livell tal-qatran u li, skond huma ma kienux gew inkluz fil-kejl mehud mill-AIC Anna Maria Attard Montalto. Minkejja li l-perit tal-konvenuti li kienet prezenti ghall-access li zamm dan it-Tribunal fil-fondi rispettivi tal-partijiet fit-2 ta’ Lulju 2009, kellha tivverifika mal-kont taghha d-diskrepanzi fil-kejl tal-hajt dwar in-numru ta’ filati li gew rilevati mill-perit tal-atturi waqt l-access, u jekk dawn il-filati kienux gew effettivament inkluzi fil-kejl mehud minnha tal-hajt, il-konvenuti baqghu ma ressqu ebda provi biex juru ghall-konvinciment ta’ dan

it-Tribunal li l-ammont realment dovut minnhom mhuwiex dak pretis mill-atturi, izda ammont inqas, u cioe' dak kif gie mahdum mill-perit taghhom.

Il-konvenuti baqghu ma taw ebda spjegazzjoni fejn huma dawn id-diskrepanzi li gew innotati mill-perit taghhom l-AIC Anna Maria Attard Montalto fir-rigward tal-kejl tal-hajt li l-konvenuti rrendew komuni meta appoggjaw il-bini l-gdid taghhom mal-hajt divizorju mibni mill-atturi. Il-prova prodotta mill-konvenuti permezz tad-dokument CA1 dan it-Tribunal ma jqishiex ta' grad tali li tipprovdi sostenn ghall-ammont li qed jigi minnhom ikkontestat fi hlas tal-appogg. Il-konvenuti nghataw aktar minn opportunita' wahda sabiex iressqu l-provi taghhom u jaghtu l-spjegazzjonijiet opportuni ghall-konvinciment ta' dan it-Tribunal l-ghaliex huma ghandhom ihallsu ammont inqas minn dak li qeghdin jippretendu l-atturi ghall-akkomunament tal-hajt divizorju. Hallew il-proceduri mixjin bl-inqas interessament minn naha taghhom. Dan it-Tribunal hu tenut li jiddeciedi l-meritu *iuxta allegata et probata*, u fin-nuqqas ta' kontestazzjoni cara u preciza tal-provi migjuba quddiemu, m'ghandu ebda raguni ohra l-ghaliex m'ghandux iqis l-ammont mitlub mill-atturi bhala wiehed gustifikat. Il-perit tal-atturi, l-AIC Edward Scerri ta nformazzjoni konvincenti bizzejjed ghal dan it-Tribunal ta' kif wasal ghall-likwidazzjoni tal-appogg li tieghu l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas minghand il-konvenuti, li l-konvenuti baqghu ma kkontestawx bi prova kuntrarja li kien ikun jikkostitwixxi element ta' prova in kontradittorju nonostante li gew moghtija minn dan it-Tribunal diversi drabi l-opportunita' biex hekk jaghmlu. L-atturi ddikjaraw li qeghdin jaghlqu l-provu taghhom sa mit-28 ta' Novembru 2008, u l-kawza giet differita ghas—sentenza fis-17 ta' Dicembru 2009, u fil-frattemp inzammu mhux inqas minn tnax il-seduta ghall-provi tal-konvenuti.

It-Tribunal ezamina bir-reqqa z-zewg kontijiet tal-periti rispettivi tal-partijiet dwar il-likwidazzjoni tal-appogg dovut mill-konvenuti lill-atturi, u huwa tal-fehma konvinzjoni min dawn il-kontijiet li d-divergenzi li hemm bejn iz-zewg kontijiet hija dovuta ghall-fatt li l-perit tal-konvenuti ma nkludietx fil-kont taghha il-filati kemm dawk li jigu taht il-

livell tal-qatran inkluz il-pedamenti, kif ukoll il-filati li jigu l-fuq minn dan il-livell tal-qatran li wkoll gew indikati mill-perit tal-atturi waqt l-access, u dan kien probabilment dovut ghall-fatt li l-AIC Anna Maria Attard Montalto kejlet il-hajt biss minn naha tal-proprjeta’ tal-konvenuti, li parti mill-gholi tal-hajt fuq in-naha ta’ wara tal-fond tal-konvenuti huwa mghotti bil-hamrija. Lanqas ma jistghu l-konvenuti jippretendu li jnaqqsu mill-ammont dovut lill-atturi fi hlas ta’ appogg taz-zieda fil-gholi tal-hajt divizorju li giet mtellgha minnhom ladarba l-atturi mhuma jaghmlu ebda uzu minn din iz-zieda fil-gholi tal-hajt divizorju, u ghazlu li ma jridux jirrenduha komuni.

It-talba attrici ghalhekk timmerita li tigi milqugha fil-konfront tal-konvenuta u l-kjamat fil-kawza solidalment bejniethom.

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa’ t-talba attrici , u jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta’ elf erbgha mija u sitta u ghoxrin Euro u tlieta u sittin centesimi (€1,426.63), ammont dovut fi hlas tal-appogg ghar-ragunijiet imfissra fl-avviz tat-talba, bl-imghaxijiet fuq din is-somma li ghandhom jiddekrorru fuq din is-somma b’effett mid-data tal-ittra ufficjali tat-8 ta’ Awwissu 2008 (Ittra numru 479/2008) sal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, kontra l-istess konvenuti, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 479/2008 imsemmija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------